**Mro. Antonio Miruzzi** (10.x.1867 – 23.x.1944)
Mija u ħamsin sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Bħal-lum 150 sena ilu Malta rat t-twelid ta' wieħed mill-aqwa surmastrijiet li qatt kellna fid-dinja bandistika ta' pajjiżna fl-ewwel tliet deċennji tas-seklu għoxrin. Kien direttur ta' diversi baned u kompożitur prolifiku u versatili. Dan huwa Mro. Antonio Miruzzi, l-awtur wkoll ta' *O del Cielo Regina Possente*, magħruf aħjar bħala l-innu ż-'żgħir'. Għaldaqstant, permezz ta' din il-kitba, l-*Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria* taż-Żurrieq qed tingħaqad ma' ħafna baned oħra mxerrdin ma' Malta u Għawdex biex hi wkoll isellem il-memorja ta' dan il-persunaġġ 'li matul ħajtu għamel dak kollu possibli biex ixerred it-tagħlim tal-arti mużikali f'pajjiżna'[1]

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



**PROFIL: MRO. ANTONIO MIRUZZI** (10.x.1867 – 23.x.1944) twieled il-Furjana minn Ġużeppi u Mikelina, imwielda Brincat. Għadu tfal, safa ltim u spiċċa f'orfanatrofju l-Belt[2]. Tgħallem il-mużika għand zijuh stess, Mro. Pawlu Miruzzi.[3] Ħafna jsostnu li, hu studja wkoll barra minn xtutna, aktarx fl-Italja[4]. Dan wara li, id-direttur tal-orfanatrofju kien skopra t-talent mużikali tiegħu. Bħala karattru, Mro. Miruzzi kien dħuli u u kellu manjieri senjorili, imma waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet kien jeżerċita dixxiplina severa. Madankollu, xorta waħda kien ammirat ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu, u għall-għadd bla qies ta' xogħlijiet 'żgħar', 'medji' u 'kbar' li huwa ikkompona. Infatti, fost xogħlijietu, fil-biċċa l-kbira tagħhom bandistiċi, insibu innijiet għall-banda, popolari, u solenni, kif ukoll, fantasiji, kapriċċi, melodiji, overturi, sinfoniji, u ħafna u ħafna mużika ballabli. M'hawnx bandist li qatt ma daqq xi danza, galopp, gavotta, kwadrilja, mażurka, *passo doppio*, polka, jew valz minn tiegħu. Kien magħruf ħafna wkoll għall-marċi brijużi fi stil militari li kien jikteb. Il-marċi funebri ma naqsux ukoll mill-pinna tiegħu u li għadhom jindaqqu sal-lum minn bosta baned fil-funerali u fi programmi sagri. Uħud minn xogħlijiet saħansitra ġew ippremjati f'Firenze u f'Perugia, u oħrajn ippubblikati. Minn tiegħu għandna wkoll xi xogħlijiet sagri. Miet fil-Ħamrun stess u sarlu funeral kbir li fih attendiet bosta nies, fosthom rappreżentanti minn diversi għaqdiet, li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dan il-kompożitur prolifiku Malti li ta ħajtu għall-arti anġelika tal-mużika. Mro. Miruzzi kien miżżewweġ lil Konċetta, imwielda Cauchi, u minnha, kellu tlitt itfal.

---

[1] Grazio Anton Grech: 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin. Għawdex (1998).
[2] Skont l-artiklu ta' Mro. Michael Chircop dan ġara fl-1873, i.e. meta hu kellu biss sitt snin.
[3] Skont Joseph Vella Bondin, huwa ħa lezzjonijiet fit-teorija, fil-pjanu u strumenti oħra.
[4] Skont l-istess artiklu ta' Chircop, Miruzzi kien intbagħat jistudja l-Italja ta' 17-il sena, i.e. fl-1884. L-artiklu ma jsemmix il-post fejn mar jistudja.



Is-Surmast Paolo Miruzzi

Zijuh, Mro. Paolo (Pawlu) Miruzzi (2.iii.1852[5] – 6.v.1888) twieled il-Belt. F'Jannar tal-1874 ingaġġa ruħu man-Nejvi Rjali bħala *bandsman* fuq l-*HMS Doris*. In-numru tas-servizz tiegħu kien 84986. Serva wkoll fuq diversi vapuri oħra qabel ma telaq min-Nejvi f'Diċembru 1883. Għal xi żmien, kien assistent-surmast tal-Banda 'La Valette', kariga li kien ilu jokkupa sa minn Mejju tal-1879. Kien biss wara li Mro. Emmanuele Bartoli iddimetta minn Surmast fl-1885 li Paolo ħa l-banda Beltija f'idejh. Inħakem minn marda terminali u miet qasir il-għomor fl-età ta' 36 sena. Miet Għawdex peress li l-aħħar sena u nofs kien qattagħhom hemmhekk bħala konvalixxenza. Il-funeral tiegħu telaq mill-isptar sal-knisja Katidrali, bit-tebut jintrefa' fuq l-ispallejn minn erba' bandisti tal-banda 'La Valette' u tnejn oħra tal-banda 'Leone'. L-avviż tal-mewt tiegħu kien saħasitra deher fil-ġurnal 'Malta' tas-16 ta' Mejju 1888.



Mużiċist ieħor aktarx ġej mill-istess familja hu Mro. Domenico Miruzzi. Dwaru ftit li xejn nafu ħlief li kien mill-Belt u li nħatar surmast tal-Banda 'La Pace' tan-Naxxar fid-9 ta' Mejju 1892. Dak iż-żmien, Domenico kien jaqla' salarju ta' £3.10s fix-xahar. Fil-ftit xhur li dam surmast, idderieġa programm magħżul fil-misraħ tar-raħal fil-festa tal-Madonna tad-Duttrina nhar il-11 Ġunju. Fl-14 ta' Ottubru tal-istess sena mbagħad, ħadlu postu Mro. Gavino Camilleri. Fl-istorju tal-banda Naxxarija, wieħed jinnota li, fl-aħħar deċennju tas-seklu dsatax, il-bakketta biddlet ħafna idejn. Infatti, Domenico kien reġa' għamel xi żmien imexxieha. Insibuh ukoll bħala surmast li b'xi mod jew ieħor ikkunċerta jew idderieġa lill-banda 'Leone' ta' Għawdex fl-assenza tas-surmast fl-1913[6]. Jidher ċar li, id-dinastija Miruzzi kellha rabta speċjali ma' dil-banda Għawdxija permezz ta' Paolo, Anton(io), u Domenico.

Niġu issa biex naraw liem' huma dawk il-baned kollha li waqgħu taħt il-bakketta tiegħu. It-tabella t'hawn taħt turi s-snin li fihom kien laħaq surmast ta' mhux anqas minn tlettax-il banda, minbarra li kien ukoll direttur tal-Orkestra Mandolinistika u *Maestro Istruttore* tal-allievi fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'. Fejn hemm immarket bis-simbolu (?) ifisser li ma nafux kemm seta' dam f'dik il-kariga partikolari. Kif ser naraw ukoll, fil-każ taż-żewġ baned, dik ta' 'Santa Marija' (Mosta) u 'San Ġorġ' (Bormla), hu ma setax dam aktar mill-1911 u 1916 rispettivament. Il-karriera ta' Mro. Miruzzi bħala surmast tinfirex fuq medda ta' 42 sena mill-1890 sal-1932:




[5] website.lineone.net/~remosliema/maltese_seamen_in_the_**royal_navy**m2.htm
[6] Ara Appendiċi 5 tal-Ġrajjiet is-Soċjetà mużikali u Filarmonika 'Leone' Għawdex ta' Grazio A. Grech.




1890-??: ***Maestro Istruttore* 'La Valette'** (Valletta): l-ewwel impenn mużikali fil-karriera professjonali tiegħu kien meta l-kumitat tas-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette', f'seduta tat-2 ta' Jannar 1890, ħatrirtu *Maestro Istruttore* tal-allievi li xtaqu jiffurmaw parti minn dil-banda Beltija bis-salarju ta' lira fix-xahar. Iżda, lejn l-aħħar tas-sena msemmija jidher li, is-sitwazzjoni ma kenitx waħda feliċi għall-banda u s-Soċjetà minħabba nuqqas ta' dixxiplina fost l-allievi u l-bandisti. Għaldaqstant, il-kumitat iddeċieda li Mro. Miruzzi, bħala assistent-surmast, jibda jgħin lis-surmast-direttur, Mro. Vincenzo Carabott, billi jibda hu wkoll jagħti żewġ lezzjonijiet fil-ġimgħa. Mhux magħruf kemm Miruzzi seta' dam f'dil-kariga.

189?-??: ***(Filarmonica) Melitensis La Valette*** (Tuneż): kien proprju waqt żjara li l-banda 'La Valette' għamlet f'Tuneż f'April tal-1891 li, il-Maltin t'hemmhekk tħajru jiffurmaw banda għalihom. Din kienet ġiet iffurmata u semmewha *(Filarmonica) Melitensis La Valette* b'sens ta' rispett lejn is-soċjetà Beltija. Dil-banda kienet diretta minn Mro. Miruzzi.[7] Skont tagħrif ieħor[8] insibu li, kienu fil-fatt il-Maltin f'Tuneż stess li, wara li semgħu bih, kienu talbuh biex jitla' hemm ħalli jgħaqqdilhom soċjetà mużikali. Billi l-ħsieb ta' Mro. Miruzzi għall-bidu kien li jsib xogħol fid-direzzjoni mużikali barra minn Malta, dlonk qatgħalhom xewqithom u tela' Tuneż flimkien ma' martu wara biss ftit ġranet li kienet saritlu dit-talba. Hemmhekk, hu rnexxielu jifforma dil-għaqda mużikali u raha tikber. Ġara iżda li, fis-sitt snin li l-koppja Miruzzi damet Tuneż, Konċetta ma setgħet tidra b'xejn hemmhekk u għamlet f'qalbha[9]. Minħabba f'hekk, huma ddeċidew li jinżlu lura Malta.




Il-mistoqsija f'dil-istorja kollha hi d-data eżatta ta' meta l-banda Tuneżina twaqqfet u f'liema snin il-koppja Miruzzi tabilħaqq kienet tgħix barra mill-pajjiż. Dan peress li, kif ser naraw, fl-istess żmien li Mro. Miruzzi suppost kien qed jgħix f'Tuneż ġa kien laħaq surmast-direttur ta' għadd ta' baned Maltin. Għaldaqstant, ma nistax nara li hi ħaġa possibli li wieħed ikun f'żewġ pajjiżi differenti fl-istess ħin. Ma nafx kemm kienet prattika li hu joqgħod tiela' u nieżel kull darba kulfejn jisħel isejjaħlu x-xogħol. Minn banda, id-data tal-1891 hi dokumentata fil-minuti tas-seduti tal-banda 'La Valette' u għaldaqstant, wieħed ma jista' jmeriha qatt. Mhux biss, iżda nsibu wkoll li, nhar is-26 ta' Ġunju 1897, il-Banda 'La Valette' ta'

[7] Kan. John Ciarlò: Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' – l-ewwel 100 sena (1874-1974), pġ. 42.
[8] Mro. Michael Chircop: 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi', In-Nazzjon Tagħna, 26.i.1972. Hu kien intervista li bint is-surmast.
[9] Skont Grazio Anton Grech, huma ddeċidew li jinżlu lura Malta għal dejjem 'minħabba mard'.

Tuneż kienet esegwiet programm mużikali f'Bormla taħt il-bakketta tiegħu, u li fih indaqqew xi xogħlijiet minn tiegħu fosthom, *La Panseuse* (Sinfonia), u *Fantasie Arabe*.[10]

1890-93: **Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone'** (Victoria, Għawdex): grazzi għal zijuh stess, Antonio kien inħatar surmast-direttur tal-banda 'Leone'. L-ewwel impenn mużikali tiegħu kien proprju fis-27 t'April 1890 għall-festa tal-Patrijarka San Ġużepp, titular tal-parroċċa Arċipretali tal-Qala, li kienet saret fil-knisja parrokkjali l-ġdida. Fl-10 ta' Mejju 1891 imbagħad, insibu li l-banda, dejjem taħt id-direzzjoni tiegħu, kienet akkumpanjat proċessjonalment lill-istatwa ta' San Franġisk bid-daqq ta' marċi mill-knisja ta' San Ġorġ sa dik tal-Patrijiet Kapuċċini fil-Belt Victoria. F'Lulju tal-istess sena, il-banda 'Leone' kienet ħadet sehem fil-festi esterni tat-Tri-Ċentinarji ta' San Alwiġi Gonzaga fis-Seminarju ta' Għawdex. Fl-istess sena wkoll, daqqet fil-pussess ta' Dun Ġużepp Diacono bħala Arċipriet tax-Xagħra, u fil-festi ta' Santa Marija fil-Belt Victoria u fiż-Żebbuġ. Hija ħadet sehem ukoll, fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-koppla tal-knisja parrokkjali Marija Bambina fix-Xagħra (Ottubru 1892), u fil-pussess ta' Dun Salv Portelli bħala l-ewwel Kappillan tal-parroċċa l-ġdida ta' San Lawrenz (Mejju 1893). Wieħed mill-aħħar impenji ta' Mro. Miruzzi kien f'Awwissu 1893 fil-festi ta' San Kaloġeru[11] u Sta. Marija, it-tnejn iċċelebrati fil-Belt Victoria. Fiż-żewġ okkażjonijiet indaqqew xi xogħlijiet minn tiegħu waqt il-programm mużikali, fosthom *Rank of Corporal* u *San Paolo* (Passo Doppio), *Il Pensiero* (Valz), u *La Promessa* (Polka).[12] Wara daż-żewġ festi sajfin minfloku laħaq Mro. Vincenzo Carabott. Fl-arkivju tas-Soċjetà nsibu għadd ta' marċ funebri minn tiegħu, fosthom wieħed li jġib id-data tas-7 ta' Marzu 1894.

1890-94: **Soċjetà Mużikali 'Queen's Own'** (Isla): Mro. Miruzzi dderiġieha meta kienet għadha taħt l-isem ta' 'La Vincitrice'[13]. Sfortunatament, fi żmien il-Gwerra, il-każin kien iġġarraf, u miegħu jidher li nqerdu wkoll il-partituri kollha li kienu jinsabu merfugħin b'għożża kbira fl-arkivju.[14] Ma nafux jekk, Mro. Miruzzi kitibx xi mużika espressament għall-banda Sengleana fl-erba' snin li dam magħha.

1894-1909[15]: **Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard'** (Mosta): 'Dil-banda għenitu ħafna biex jakkwista ċertu esperjenza kemm fit-tagħlim u kemm fid-direzzjoni. Is-suċċessi li kiseb magħha servew biex ismu jixtered fil-kamp mużikali ta' dak iż-żmien.'[16] Fost ix-xogħlijiet li ħallielha nsibu l-Innu Nicolò Isouard (innu tal-banda), *Omaggio Nicolò Isouard* (*marcia sinfonica*), *O Del Cielo Regina* (1897) (*marcia religiosa*), u sett ta' marċi funebri.



Minn *email* li kien bagħtli Mro. Stephen Dimech, datata 30 ta' Ġunju 2015, insiru nafu li, il-versi bit-Taljan tal-Innu Solenni *Alla Beata Maria Vergine* huma ta' Dun Agostino Azzopardi[17] (1855-1922), li kien jiġi ħu Giovanni (jew Ġanni) Azzopardi, l-ewwel għalliem tal-mużika, surmast u wieħed mill-fundaturi ta' dil-banda. Fl-*email*, Mro. Dimech jgħidilna wkoll li, Dun Wistin kien ippubblika għadd ta' poeżiji minn tiegħu fi ktejjeb li jġib l-isem ta' *Armonie Poetiche* (1910). Is-Surmast

[10] '14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin', pġ. 24.

[11] Il-festa liturġika tiegħu tiġi fit-18 ta' April. Miet martri fi Brexxja, l-Italja.

[12] 'F'Kull programm importanti li kien ikollu, Mro. Miruzzi kien iżanżan xi biċċa xogħol minn tiegħu. Ġeneralment, kull programm kien jibdieh b'xi marċ u jispiċċah b'xi valz jew polka.' (Joseph Mifsud Matrenza: Għeluq il-100 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà Mużikali San Ġużepp, Ħamrun, pġ. 10).

[13] Il-banda Sengleana kienet biddlet isimha għal dak ta' 'Queen's Own' fl-1903 f'ġieħ ir-Reġina Alexandra, mart ir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra. Ingħata fl-okkażjoni tal-vista rjali tagħhom fi gżiritna nhar is-16 ta' April tas-sena imsemmija. Wara snin kbar b'dal-isem, l-istess banda reġgħet qelbet għall-isem oriġinali tagħha.

[14] Il-każin tal-Banda kien iġġarraf f'April tal-1942 u 'fih kien intilef kollox; l-arkivju tal-każin, strumenti, apparat, u wisq u wisq affarijiet ta' preġju, kemm għall-istorja tal-mużika f'Malta, kif ukoll għall-istorja tal-Isla.' (L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', pġ. 71). Il-każin li hemm wieqaf illum inbena wara l-aħħar gwerra.

[15] Skont Joseph Vella Bondin, Mro. Miruzzi dam sal-1910 ma' dil-banda, u 'l-preċiżjoni li kisbet taħtu xerrdet ismu ma' Malta kollha.' (Il-Mużika ta' Malta fis-sekli XIX u XX, pġ. 202-3.)

[16] Joseph Mifsud Matrenza: Maestro Antonio Miruzzi. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' Ħamrun 1994, pġ. 235.

[17] Magħruf fost il-Mostin bħala l-'Poeta tal-Innijiet ta' Santa Marija.' Huwa twieled il-Mosta fl-1855 u ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1881. Miet ta' 77 sena wara snin twal ta' ħidma pastorali.

hu tal-fehma li, 'Mro. Miruzzi silet diversi strofi minn diversi poeżiji *li jinsabu f'dan il-ktejjeb* biex użahom meta ikkompona l-innu'. Meta mistoqsi dwar il-possibiltà ta' data ta' meta seta' nkiteb dal-innu, it-tweġiba kienet fin-negattiv, però żgur li qabel l-1910 meta mbagħad il-banda Mostija għaddiet f'idejn Mro. Ferdinand Camilleri. Mill-banda l-oħra, skont Joseph Mifsud Matrenza[18], l-Innu Solenni kien l-ewwel kapolavur tiegħu ta' dix-xorta.[19] Skontu wkoll, dal-innu hu 'mimli melodija u armonija.'[20]



1897-??: **Orkestra Mandolinistika 'La Valette'**: aktarx li twaqqfet f'xi żmien fis-sena msemmija fi ħdan il-banda li ġġib l-istess isem. Dan jirriżulta mill-minuti tal-laqgħa tat-23 ta' Novembru 1898 li fiha saret diskussjoni dwarha fil-kumitat peress li din kienet diġà mwaqqfa. Kien ġie deċiż li, Mro. Miruzzi jiżdied lira fis-salarju tiegħu bħala surmast bl-obbligu li 'jgħallem lill-allievi, li jirranġa l-biċċiet tal-mużika li jkun hemm bżonn, u li jagħmel żewġ kunċerti (provi) fil-ġimgħa.' Il-mużika rranġata kellha tibqa' proprjetà tas-Soċjetà meta jħalli dil-kariga. Dil-orkestra kienet imxiet ħafna 'l quddiem taħt id-direzzjoni tiegħu u 'kienet spiss tagħti programmi, kemm fit-teatri kif ukoll bnadi oħra'. Il-manifest t'hawn taħt juri avviż għal rappreżentazzjoni mużiko-teatrali li fiha hi ħadet wkoll sehem taħt id-direzzjoni ta' Mro. Miruzzi. Fil-programm saħasitra ndaqqew *Tunisi* (Marcia) u *Il Cassiere* (Valse) mill-pinna tiegħu. Ir-rappreżentazzjoni kienet saret fit-Teatru Rjal, il-Ħadd 12 ta' Diċembru, 1897.


GRAN CONCERTO
che daranno le
Soc: Filarmonica e Mandolinistica
LA VALLETTE
coadiuvata dalla ben nota
Soc: Filod: "L'INDIPENDENZA"
che cortesemente si presta
*Domenica 12 Dicembre 1897*
alle 3-30 p.m., al
REAL TEATRO
*gentilmente concesso dal Sigr. Achille Malfiggiani.*
Parte I.
1. SINFONIA - Guglielmo Tell - ROSSINI
eseguita dalla Soc: Filarm: *La Vallette*
2. Farsa brillante in un atto
con grande Sinfonia per Orchestra
Jean de la granpetreperie!
*Vi prenderà parte tutta la Comp: Filod: Maltese "L'INDIPENDENZA".*
Parte II
La Soc: Mandolinistica *La Vallette* eseguirà:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia | TUNISI | A. Miruzzi |
| 2. Pezzi Scelti | JONE | Petrella |
| 3. Do | LUCIA | Donizetti |
| 4. Valse | IL CASSIERE | A. Miruzzi |

Parte III.
La Soc: Filod: L'INDIPENDENZA darà:
*CONTESSA AMALFI*
Vaudeville in un atto di M. A. Borg
GOD SAVE THE QUEEN
*I Prezzi come le Domeniche.*

1899-1900: **Soċjetà Filarmonica Nazionali 'La Valette'**: Bħala aġent-direttur Mro. Miruzzi dderieġa ħafna programmi magħha. Jidher li dam f'dil-kariga għal ftit xhur biss sakemm instab surmast-direttur Taljan – Mro. Gregorio Lucia. Mro. Miruzzi kien ingħata salarju ta' tliet liri fix-xahar 'bid-dmir li jkompli bid-dmirijiet tiegħu ta' direttur tal-Mandolinistika'.

1899-1928: **Għaqda Mużikali 'San Ġużepp'** (Ħamrun): Mro. Miruzzi nħatar surmast tagħha għaxar snin wara li twaqqfet u dam magħha sal-1928. 'Din kienet era tad-deheb għaliha għax taħt id-direzzjoni tiegħu kisbet suċċessi enormi kemm f'Malta u kemm fi Sqallija.'[21] Ħallielha ħafna xogħlijiet minn tiegħu fl-arkivju tagħha. Issa, peress li, Mro. Miruzzi dam snin twal magħha, hu impossibli hawnhekk li wieħed joqgħod jelenka l-avvenimenti mużikali kollha li seħħew fi żmienu. Iżda, għall-benefiċċju ta' dawk il-qarrejja li qatt ma ġie f'idhom il-ktieb taċ-ċentinarju tas-Soċjetà (1889-1989) ta' Joseph Mifsud Matrenza (1918-2013) qed inġib biss, fil-qosor kemm jista' jkun, l-aktar ġrajjiet importanti:




1900 – 1909: Fit-3 ta' Marzu, 1900 il-banda ħadet sehem f'*massed band* il-Belt fl-okkażjoni tar-rebħa fuq l-għadu fil-gwerra tal-Buweri. Fil-25 ta' Marzu, 1901, waqt żjara uffiċjali tad-Duka u d-Dukessa ta' York, daqqet flimkien ma' baned oħrajn biex issellem lill-familja rjali hi u għaddejja mix-xatt sal-Palazz.



L-Innu Solenni San Gejtanu nkiteb għal

---

[18] Storjografu ewlieni tal-banda Ġużeppina Ħamruniża.
[19] Mifsud Matrenza Joseph: 'Maestro Antonio Miruzzi'. Ktieb tal-festa Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' 1994, pġ. 235–247.
[20] *Idem.*
[21] Charles L. Azzopardi: 'L-istorja tal-każini tal-baned f'Mata u Għawdex' (vol. 2), pġ. 132.

Tenur u Baxx u kor tat-tfal, bniet u subien. Il-gazzetta *Malta Tagħna* tat-13 ta' Awwissu tal-1901 kienet irrapurtat li, l-Innu l-Kbir tant kien intlaqa' b'applawsi kbar mill-folla preżenti li, biex jikkuntentaha, Mro. Miruzzi kellu jirreplikah. Wara t-tieni eżekuzzjoni, il-bandist Ġanni Sciberras kien irregalalu taljakarti u kartiera tal-fidda għan-nom tal-bandisti kollha. Sa qabel il-Gwerra, l-Innu kien għadu jitkanta bit-Taljan fuq versi tal-Kunsillier Antonio (Ninu) Dalli (6.xii.1864 - 22.ii.1948). Fl-1945 imbagħad, Dun Frans Camilleri (29.i.1919-6.xii.1990) qelbu għall-ilsien Malti, u xi snin wara beda jitkanta minn kor adult taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia (5.xii.1921 – 2.vii.2001).

Dil-banda żammet it-tradizzjoni twila ferm li, fil-festa titulari - tneħħi l-ħames snin tal-Gwerra – iddoqq dal-innu sa minn twelidu fl-1901. Jien kont iddiriġejtu aktar minn darba bħala surmast-direttur tal-125 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà bejn l-2013 u l-2016. Hawn taħt qed inġib biss xi dati importanti fl-annali tal-istorja tal-banda li fihom Mro. Miruzzi dderieġa dal-innu. Żgur li, l-aħħar darba li dderiġih kien fil-festa titulari tal-1928. Rigward it-tabella t'hawn taħt, tajt ukoll xi tagħrif addizzjonali fejn ħassejt li kien hemm bżonn:

| Data | Ġurnata | Surmast | Tenur | Baxx | Kor |
|---|---|---|---|---|---|
| *1900*[22] | | | | | |
| 1901 | ?? ta' Awwissu | Mro. A. Miruzzi | | | Kor tat-tfal |
| 1914[23] | | Mro. A. Miruzzi[24] | | | |
| 1917 | 10 ta' Awwissu[25] | Mro. A. Miruzzi[26] | Galea[27] | Duca[28] | Kor tat-tfal |
| 1928 | | Mro. A. Miruzzi | | | |

U din hija silta mit-tema prinċipali li, fil-final tifforma l-passaġġ ta' qabel il-koda. Fiha jieħu sehem kulħadd - Tenur, Baxx, kor tat-tfal, u l-banda sħiħa, bil-qniepen u l-gong b'kollox:

[22] Fatt kurjuż li jista' jagħti lok għal aktar riċerka jirrigwardja d-data eżatta ta' meta dan seta' nkiteb. Fuq id-disa', u l-aħħar paġna ta' parti qadima tal-*Quartino Mib* li tinsab arkivjata fis-sede tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, xi ħadd, li jista' jkun il-kompożitur stess, kopista, bandist, jew persuna kwalunkwe oħra li kellha aċċess għall-mużika, għoġbu jniżżel id-data ffirmata (diffiċli tiddeċifra ta' min setgħet kienet il-firma) ta' **Agosto 1900**. Fl-ewwel paġna tagħha wkoll, eżatt taħt it-titlu *Inno a San Gaetano*, u ħdejn il-firma tas-surmast *A*(ntonio) *Miruzzi*, insibu t-timbru tas-*Società Musicale S. Giuseppe Ħamrun* li jġib id-data tas-7 ta' Ottubru 1923. Bla ma ndaħħal l-iċken dubju li, l-ewwel eżekuzzjoni uffiċjali tal-Innu Solenni lil 'San Gejtanu' kienet dik li saret lejlet il-festa titulari tal-1901, wieħed irid jikkunsidra l-fatt ukoll li, Miruzzi kien laħaq surmast-direttur ta' dis-Soċjetà fl-1899. Dan ifisser li, bħala kompożitur prolifiku, Miruzzi seta' faċilment kiteb ukoll Innu Kbir ġdid iddedikat lil San Ġejtanu għall-festa titulari tal-1900. (Qabel did-data ma nafux li kien jeżisti xi ieħor bħalu miktub mis-surmast ta' qablu, Mro. Carmelo Doneo.) Id-data l-oħra li jagħti s-Sur Joseph Mifsud Matrenza fl-artiklu tiegħu, *Is-Soċjetà Filarmonika 'San Ġużepp' Ħamrun – Ħamsa u Sebgħin Sena Ħajja*, li kien deher fil-ktejjeb tal-okkażjoni tal-Ġublew tad-Djamanti (1889-1964), hija għall-kollox żbaljata meta jgħid li, l-Innu Solenni nkiteb fl-1904. Prova ta' dan tinsab fl-aħħar paġna tal-partitura oriġinali tal-Innu, fejn wieħed isib il-firma ta' Miruzzi u data ta' meta nkiteb.

[23] Ġublew tal-Fidda tas-Soċjetà – 1889-1914. Skont Mifsud Matrenza, minkejja li l-Gwerra kienet faqqgħet fid-29 ta' Lulju, is-Soċjetà xorta waħda ddeċidiet li tiċċelebra il-25 sena tagħha. Lejlet il-festa titulari, il-Banda kienet tellgħet kunċert bandistiku kolossali ħdejn il-Knisja parrokkjali.

[24] Mit-tagħrif mogħti hawn fuq stess minn Mifsud Matrenza, neħodha li kien Miruzzi stess li dderieġa dal-kunċert u li fih, nimmaġina li ma setax jonqos li ma jgħaddix l-Innu l-Kbir.

[25] Sors meħud mill-programm tal-festa San Gejtanu 2009 (120 sena) maħruġ mis-Soċjetá Mużikali San Ġużepp Ħamrun: Żewġ Rapporti Ġurnalistiċi fuq il-Ħamrun ta' Dr. George Cassar, pġ. 309-311. Tagħrif ħadu mill-ġurnal *Malta Tagħna* tal-11 ta' Awwissu 1917 fejn jgħid li, il-festa kienet saret fit-18 ta' Awwissu. Il-ġurnal ikompli jirrapporta li, il-Banda 'San Ġużepp' daqqet "l-innu sabiħ kollu tifħir lil kbir qaddis, mużika tal-imfaħħar Surmast Ninu Miruzzi" fuq versi tas-Sur Nin Dalli. L-awtur iżid jgħid li, fl-Innu Solenni kellu jieħu sehem il-kor tat-tfal u ż-żewġ kantanti "bravi artisti Maltin" Galea u Duca.

[26] Neħodha li kien Miruzzi stess li dderieġa l-Innu Solenni.

[27] Aktarx qed jirreferi għal Alfred Galea, wieħed mill-aqwa kantanti li kellna fl-ewwel żewġ deċennji tas-seklu 20. Alfred kien jiġi wkoll missier it-Tenur Arthur Galea (1902-1998).

[28] Aktarx li qed jirreferi għal Giuseppe (Ġużé) Duca (1871-1948), pittur u Baritonu magħruf.






Fl-1902 il-banda daqqet f'programm ferrieħi u brijuż f'misraħ San Pawl (Ħamrun) għall-okkażjoni tal-inkoronazzjoni tar-Re Dwardu VII, filwaqt li, f'April 1903 daqqet il-*God Save the King* waqt li kien għaddej mill-Ħamrun fi triqtu mill-Palazz ta' Sant' Anton għall-Belt Valletta fl-okkażjoni tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-brejkwoter. L-ewwel mawra tagħha fi Sqallija kienet proprju fl-1905 fejn ġiet mistiedna mill-*Comune di Siracusa* biex twettaq programm hemmhekk. Fl-1907 imbagħad, ittella' programm kolossali f'misraħ San Ġorġ għall-festa ta' San Duminku fil-Belt. 'Għal dil-okkażjoni, Mro. Miruzzi ħejja sew wieħed mill-aqwa programmi għax kien jaf li ser ikun espost għal kritika.' Sehem ieħor importanti fl-1909 kien f'fiera kbira fil-ġonna tal-Argotti b'riżq is-Soċjetà San Vincenz de Paoli tal-Ħamrun.[29] F'Ottubru tal-istess sena wkoll, ħadet sehem f'fiera kbira oħra fl-Argotti, flimkien mal-banda mistiedna 'La Valette' b'riżq is-Soċjetà *Mutuo Soccorso* 'San Ġużepp' tal-Ħamrun.



1910 - 1919: Fil-bidu tat-tieni deċennju tas-seklu l-ieħor, il-banda, flimkien ma' tnejn u għoxrin banda oħra, figħodu mmarċjat fl-isfilata bid-daqq ta' marċi brijużi fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V. Filgħaxija mbagħad, tat programm fi Pjazza Reġina li fih indaqqew bċejjeċ operistiċi, kif ukoll, marċ kommemorattiv u polka ta' Mro. Miruzzi. Ħadet sehem ukoll fl-XXIV Kungress Ewkaristiku f'April 1913 billi sellmet lid-Delegat tal-Papa, il-Kardinal Ferrata, bid-daqq tal-*Inno Pontificio* waqt li kien għaddej minn quddiem il-każin. Għal dal-wieħed mill-akbar avvenimenti reliġjużi, it-triqat ewlenin tal-Ħamrun kienu mżejnin bit-trofej u bil-bnadar daqslikieku kienet il-festa ta' San Ġejtanu. Peress li, sena wara ħabat il-Ġublew tal-Fidda tas-Soċjetà, il-banda għamlet marċ *alla Veneziana* minn Blata l-Bajda sal-każin fl-ewwel jum tat-Tridu tal-festa. Is-Sibt imbagħad, lejlet il-festa, tellgħet programm kolossali ħdejn il-knisja parrokkjali. Il-Ħadd filgħodu għamlet is-soltu marċ tradizzjonali. Interessanti l-fatt li, għal jum l-anniversarju tas-Soċjetà, li jaħbat fit-18 ta' Awwissu, ġiet organizzata xalata kbir bil-karrozzini għal San Pawl il-Baħar biex tinżamm it-tradizzjoni mibdija mill-President Gavin Portelli (1862 - ?) fl-1896. Fl-24 ta' Novembru 1918 imbagħad, ħadet sehem, flimkien ma' tliet baned oħra, fil-festa Sta. Katarina, iż-Żejtun. Il-livell tal-programmi mħejjija tant kien għoli li kont tistħajlek qed f'xi konkors mużikali. L-aħħar żewġ appuntamenti importanti f'dawn l-għaxar snin kien is-sehem tal-banda fil-festa ta' San Ġużepp, ir-Rabat (Malta) fit-18 u 19 ta' Marzu 1919. Skont Mifsud Matrenza, 'F'dawn iż-żewġ programmi (li saru fuq is-Saqqajja) Mro. Miruzzi daqq ħafna kompożizzjonijiet tiegħu li huwa żewwaq ma' siltiet mill-opri. Huwa spiċċa l-ewwel programm bil-

[29] Din kienet tieħu ħsieb id-dar tax-xjuħ fejn llum hi mmexxija mil-*Little Sisters of the Poor*. Il-flus li kienu nġabru minn din il-fiera kienu marru biex jgħinu finanzjarment fit-tkabbir ta' dan l-istitut tal-karità.

famuża *Polka for Piccolo* u t-tieni programm spiċċah b'marċ qawwi brijuż minn tiegħu, *Ħamrun Boys' Scouts*[30] li kien miktub għall-moviment tal-iskawtijiet tal-Ħamrun li twaqqaf fil-1913.'



1920 – 1928: Għall-banda Ġużeppina Ħamruniża, it-tielet deċennju beda b'servizz nhar l-20 ta' Settembru 1920 għall-festa tad-Duluri f'San Pawl il-Baħar fejn 'wettqet wieħed mill-aħjar programmi klassiċi tagħha peress li dan kien l-ewwel wieħed f'dar-raħal b'banda formali.' Programm ieħor kien sar fl-1923 fil-bitħa ta' *Auberge d'Italie*, il-Belt fl-okkażjoni ta' wirja preleminari li nżammet qabel ma saret oħra bħalha ġo Wembley minn pajjiżi tal-Imperu. Fl-1925, il-banda reġgħet siefret biex tagħti programm sagru f'Spaccaforno (Sqallija) għall-festa tal-Ġimgħa l-Kbira. Fl-istess sena wkoll, kellha stedina oħra biex twettaq programm fil-belt ta' Arcireale għall-festa ta' Sta. Venera. Sena wara telgħet f'Catania fejn għamlet marċ brijuż mat-toroq ta' din il-belt u wara tellgħet programm ġo Villa Bellini. Fl-1927 reġgħet siefret biex iddoqq f'Noto fuq stedina mill-*Comune* għall-festa ta' San Corrado. L-aħħar kunċert bandistiku li eżegwixxa Mro. Miruzzi kien fil-programm iddedikat kollu lilu. 'Wara dan il-programm *d'Addio*, Miruzzi kellu riċeviment ad unur tiegħu fejn ġie mogħti rigal sabiħ mill-bandisti u somma sabiħa ta' flus mill-kumitat bħala rikonoxximent għat-30 sena servizz li ta lill-Banda.'



1899-1902[31]: **Società Filarmonica 'I Cavalieri di Malta'** (Tas-Sliema): Għalkemm dil-banda Slimiża m'għadhiex teżisti, tajjeb li nagħtu xi tagħrif dwarha peress li, għal xi żmien, Mro. Miruzzi kien jidderiġieha. Storikament, kienet l-ewwel waħda li twaqqfet f'Tas-Sliema minn Mro. Ferdinandu Camilleri. Kellha s-sede tagħha f'*Circolo Ceschi*. Il-każin kien ġie uffiċċjalment inawgurat il-Ħadd filgħodu, nhar it-8[32] ta' Lulju 1886. Madankollu, hi daqqet l-ewwel darba quddiem il-pubbliku minn fuq planċier għoli magħmul f'forma ta' torri fis-26 ta' Settembru tal-istess sena. F'qasir żmien, il-banda bdiet tagħmel isem, u ta' sikwit kienet tiġi mistiedna biex iddoqq barra minn pajjiżha, b'uħud mis-servizzi jkunu fuq skala nazzjonali. Kienet tieħu sehem ukoll f'festi reliġjużi f'Tas-Sliema stess fosthom, fil-festa ta' San Ġwann Battista, patrun tal-banda. Jidher li, dil-festa baqgħet issir sal-1898 peress li, l-isem *Ceschi* kien tal-Gran Mastru tal-Ordni ta' San Ġwann ta' dak iż-żmien. Mro. Miruzzi ħa t-tmexxija ta' dil-banda proprju sena wara, u dam magħha sal-1902, meta mbagħad xoljiet, u magħha xolja wkoll c-*Circolo Ceschi*. Għal dil-banda, Mro. Miruzzi kien ikkompona innu, *A Maria Vergine Stella del Mare,* fuq versi tas-Saċerdot Dun Pawl Vella D.D.[33] Dal-innu kien iżżanżan f'lejlet il-festa ta' Stella Maris fit-23 ta' Awwissu 1902.[34]



[30] Dal-marċ majestuż u trijonfali bit-trombi kellu ħafna mill-marċi ta' Susa. Wara l-festa ta' San Gejtanu 1918 baqa' jindaqq bosta drabi fil-programmi li ġew wara.
[31] Skont Joseph Vella Bondin, is-surmast Miruzzi dam biss sentejn ma' din il-banda bejn l-1899 u l-1900. (Il-mużika ta' Malta fis-sekli XIX u XX, pġ. 203.)
[32] Did-data jagħtihielna Winston L. Zammit fil-ktieb tiegħu, 'Tas-Sliema fis-seklu XIX' (2000), pġ. 150. Min-naħa tiegħu, Herbert Naudi jagħtina data differenti fiż-żewġ kotba tiegħu, 'Il-Banda Stella Maris (Tas-Sliema) – djarju u ħjiel tal-istorja tagħha' (1989), pġ. 1, u 'Banda Stella Maris – Mitt sena ta' storja' (2014), pġ. 11. Fiż-żewġ każijiet, l-awtur itina t-18 ta' Lulju bħala data.
[33] Kien mill-Belt Valletta. Kien bit-tħabrik tiegħu li nbniet il-knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor, Sliema.

1900[35]-??: **Soċjetà Filarmonica 'Santa Maria'** (Mosta): Ma nafux kemm seta' dam magħha Mro. Miruzzi. Diġà, warajh kien laħaq surmast ieħor, ċertu Mro. G. Micallef li, min-naħa tiegħu, ma setax dam aktar mill-1911. Dan peress li, mbagħad, il-banda kienet waqfet mill-attivitajiet tagħha, anki jekk il-*Casino Santa Marija* kien baqa' jiftaħ għall-membri tiegħu. Jidher li, dil-banda ma setgħetx taqbad art f'raħalha minħabba l-piki żejda li kienu jeżistu dak iż-żmien bejn iż-żewġ baned Mostin. Dir-rivalità kienet ħarġet fil-beraħ fil-festa lokali ta' San Ġużepp tal-1906[36] tant li l-purċissjoni kienet tħassret wara li nqalgħu xi inċidenti serji fuq min minnhom kellu d-dritta u l-preċedenza.

1905[37]-??: **Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ'** (Bormla): Hawn ukoll ma nafux kemm seta' dam mal-banda *Cospicuana*. Żgur li, mhux aktar tard mill-1916, meta mbagħad, laħaq surmast Mro. Giovanni Guimarra. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija tal-1914-18 il-banda kien jeħtiġilha tiġi rijorganizzata biex setgħu jittellgħu żewġ programmi li baqgħu jissemmew fl-1920. L-uniku darba li Mro. Miruzzi jissemma fl-annali tal-istorja ta' dil-banda hu ta' meta kien idderieġa programm fl-okkażjoni tal-miġja tal-Kardinal Ferrata biex, f'isem il-Papa Piju X, jinkuruna x-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-kwadru titolari. Il-programm kien sar il-Ħamis 29 ta' Ġunju 1905, iżda ma nafux jekk, fost ix-xogħlijiet li ndaqqew, kienx hemm tiegħu wkoll.



1906-26: **Soċjetà Filarmonica 'San Piju X'** (Ħal Lija): Meta Mro. Antonio Miruzzi laħaq surmast fl-1906 kellu l-inkarigu li jittrasforma s-*Soċjetà Mandolinistika 'Fior d'Arancio'* f'banda. Bil-għajnuna wkoll tal-ewwel surmast, F.S. Pizzuto, il-banda għamlet programm tal-inawgurazzjoni f'qasir żmien. Taħt id-direzzjoni impekkabbli ta' Mro. Miruzzi fjorixxiet u tat ħafna servizzi. Minħabba l-ħerba li ħalliet warajha t-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45), ħafna minn xogħlijietu nqerdu. Wara għoxrin sena servizz, Miruzzi, għajjien bit-tagħbija tax-xogħol u tas-snin, iddimetta fl-1926.

Id-data eżatta ta' meta seta' nkiteb l-Innu Solenni lil Ġesù Salvatur ma nafuhiex. Jerġa', il-mużika li l-banda Lijana għandha tiegħu hi biss kopja ta' partitura li mhix dik oriġinali għax il-versi huma bil-Malti. Infatti, kien Monsinjur Ġużepp Xerri (traduttur ta' bosta xogħlijiet ta' xeħta sagra) li aktarx qelibhom mit-Taljan għall-Malti. L-innu nkiteb għal Tenur u Baxx, u kor tat-tfal għal akkumpanjament bandistiku.

Silta mid-dwett li fih it-Tenur issib l-eku tiegħu fil-Baxx, b'tali mod li, jiġu jinstemgħu qishom qedin jiġru wara xulxin. Dan huwa l-uniku dwett li nsibu fix-xogħol kollu:

---

[34] Il-gazzetta *Risorgimento* tal-25 tal-1902 kienet ġabet li dil-Banda żanżnet innu ġdid lill-Madonna mill-pinna ta' Mro. Miruzzi: '*... il nuovo inno alla Vergina composta del direttore della Filarm. I Cavalieri di Malta, Mro. A. Miruzzi ...*' (14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin ta' Grazio Anton Grech, pġ. 24.) Il-mistoqsija tiġi weħidha: Jekk veru li din il-banda xoljiet qabel din id-data, x'kien il-bżonn li Mro. Miruzzi jikkomponi dan l-innu?

[35] Dwar did-data, J.J. Camilleri ('L-istorja tal-każini tal-banda f'Malta u Għawdex', pġ. 13) jikkwota lis-Sur Robbie Mifsud Bonnici billi jgħid li, 'is-Surmast Antonio Miruzzi għamel żmien imexxi l-banda għall-ħabta tas-sena 1900.'

[36] Hija tabilħaqq koinċidenza li, f'din l-istess sena kien ukoll inqala' nkwiet serju fi ħdan is-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' tal-Ħamrun li, f'dawk iż-żmenijiet, kienet f'idejn Mro. Miruzzi. Mifsud Matrenza jagħti rendikont dettaljat ta' x'wassal biex grupp ta' tliet bandisti jiġu mkeċċija mill-banda bil-konsegwenza li, flimkien ma' xi bandisti oħra u xi soċi sussidjari, li ma kinux qablu ma' dis-sentenza ħarxa li ngħatat mill-uffiċjali tal-Kumitat, iffurmaw banda ġdida għalihom f'qasir żmien u għammduha bl-isem ta' 'Banda San Gejtanu'. Ta' min jgħid li, Mro. Miruzzi kien ta' dixxiplina hekk kbira li ma kienx ser iħalli 'l xiħadd ifalli kif ġieb u laħaq. Ta' min iżid hawnhekk li, matul il-karriera mużikali professjonali tiegħu, Mro. Miruzzi mhux l-ewwel darba li għadda minn xi mumenti koroh. Skont Anton Grazio Grech, fl-1898, huwa kellu xi jgħid ma Mro. Kav. Alfred Hare tal-banda 'King's Own' tal-Belt Valletta.

[37] Din id-data jagħtihielna Joseph Grech fil-ktieb tiegħu, 'Il-Każini tal-baned ta' Mal ta u Għawdex' (2001), pġ. 72.




1910-??: **Banda tal-Orfni tal-Gvern** (Valletta): Dwar dil-banda kulma nafu hu li, Mro. Miruzzi kien inħatar surmast-direttur tagħha fl-1910, imma ma nafux kemm dam jidderiġieha. Fil-ġurnal *L-Avvenire* tat-12 ta' Novembru 1910 kien deher artiklu: '… *maestro Antonio Miruzzi è stato nominato direttore della banda dell-Orfanatrofio del Governo …*'. Mhux hekk biss, talli seba' snin wara laħaq ukoll direttur tal-istess orfanatrofju fejn aktar minn erbgħin sena qabel kien qatta' tfulita ma' tfal iltiema bħalu.




1914-22: **Għaqda Mużikali Sant' Andrija** (Ħal Luqa): Meta ġie biex jieħu dil-banda, Mro. Miruzzi sabha li kienet l-Orkestra Sant' Andrija. Hu, megħjun minn żewġ soċi mużiċisti oħra, allura daħal għall-inkarigu li jerġa' jittrasformaha f'banda. Kien biss fi tmiem l-Ewwel Gwerra li hu għamel programm fil-pjazza tar-raħal bil-banda riformata u li fih indaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-banda. Kemm dam surmast irregalalha xi mużika, fosthom marċi trionfali u funebri, kif ukoll erba' *suites* bl-isem ta' *Ballabile*. Fi kliem Mifsud Matrenza, ma' dil-Banda 'Mro. Miruzzi *kien* akkwista esperjenza kbira fid-direzzjoni, fl-esekuzzjoni u fil-kwalità tal-kompożizzjonijiet tiegħu.' Skont Mifsud Matrenza wkoll, Mro. Miruzzi kien kiteb l-Innu Solenni 'Sant' Andrea' għall-banda Luqija li ġġib l-istess isem, liema xogħol nemmen li għad isib id-dawl u jibda jindaqq ukoll.

1919-32: **Għaqda Mużikali 'Beland'** (Żejtun): Il-marka li ħalla Mro. Miruzzi fuq dil-banda kienet waħda kbira, u li permezz tagħha, laħaq l-apiċe tal-professjoni artistika tiegħu. Ħallielha marċi funebri kif ukoll xi mużika sagra għall-Ġimgħa Mqaddsa. Ta' min jgħid li, din kienet l-aħħar banda li ħabbat magħha Mro. Miruzzi. Fl-1932 'hu dderieġa l-aħħar kunċert tiegħu u fl-intervall għadda l-bakketta tiegħu lis-suċċessur tiegħu s-surmast Carmelo Scicluna fost il-kommozzjoni kbira tal-kumitat, tal-bandisti u tal-ammiraturi kollha.'[38] Irtira mid-direzzjoni fl-età ta' 65 sena fuq parir tat-tlitt uliedu stess minħabba raġunijiet ta' saħħa.



Iżda minkejja li kien irtirat, hu baqa' jikkomponi xorta waħda tant li fl-1933 insibu li irregala marċ brijuż għall-banda tal-Ħamrun biex jiżżanżan fil-festa titulari. Infatti, fil-ġurnal *Malta* tas-17 ta' Awwissu ta' dik is-sena nsibu dan it-tagħrif li ġej: '… *quest' anno, onorare la sua vecchia banda con un gentile dono di un marcia musicale per la festa di S. Gaetano, pezzo musicale di stile moderno, difficile a suonare …*' Minbarra li, l-aħħar snin ta' ħajtu qattagħhom fil-kumpanija ta' sħabu fil-każin, Mro. Miruzzi baqa' jirregalalha marċ brijuż kull sena. Mhux hekk biss, talli sa sena qabel ma miet kien beda jaħdem fuq opra.[39]

[38] Joseph Mifsud Matrenza: Ktieb Festa San Gejtanu 1994 (Soċjetà Mużikali San Ġużepp) pġ. 247.

[39] Ara artiklu ta' Mro. Michael Chircop li kien deher fil-gazzetta 'In-Nazzjon Tagħna' tas-26 ta' Jannar 1972, liema tagħrif kisbu minn intervista li huwa kien għamel lil bint is-Surmast Antonio Miruzzi.

Għeluq: Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żrieraq: (a) fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu li qed tiġi ċċelebrata ġewwa ż-Żurrieq; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); u (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Referenzi:

Chircop Michael: 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi'. *In-Nazzjon Tagħna* (26.1.1972)
Ciarlò John Kan.: Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette' – l-ewwel 100 sena (1874-1974)
Grech Grazio Anton: 14-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u barranin. Għawdex (1998)
Grech Joseph: Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex. Pubblikazzjoni PEG Ltd. (2001)
Mifsud Matrenza Joseph: Għaqda Mużikali San Ġużepp – Ħamrun – 1889-1891
Mifsud Bonnici Robert: Ġrajja ta' Baned Maltin u Għawdxin
Vella Bondin Joseph: Il-Mużika ta' Malta fis-sekli Dsatax u Għoxrin. Publikazzjoni PIN (2000)
L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex. Publikazzjoni PIN (1997)



Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)